MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 76/1993/1

**Grezzju Portelli**

**v.**

**Godfrey Leone Ganado ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Enemalta Corporation, u b'nota tad-9 ta' Marzu 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza minflok Godfrey Leone Ganado fil-kwalita` tieghu premessa; u Dr. Richard Galea Debono ghan-nom u in rapprezentanza tat-Telemalta Corporation; u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2001 intervenew fil-kawza Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc (bhala cessjonarja tal-portfolio**

**tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc) u Middle Sea Insurance p.l.c. bhala cessjonarja tal-portfolio ta' Assicurazioni Generali SpA; u b'nota tat-12 ta' Mejju 2004 Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc assumiet bhala intervenuta l-atti tal-kawza minflok l-intervenuta kumpanija Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Jannar 1993, l-attur ppremetta illi huwa jahdem bhala *lineman* mat-Telemalta; illi fis-26 ta' Awissu 1991 fid-9.30 a.m. hu kien qieghed jirranga *wire* tat-telefon fi Triq il-Gandlora Haz-Zebbug; illi dan il-*wire* tat-telefon kien iktar gholi mill-*wire* tad-dawl u biex jilhqu kellu jistrieh ma' bracket tad-dawl li kien fih leakage u b'hekk ha xokk u waqa' minn fuq is-sellum minn gholi ta' zewg sulari; illi huwa kiser saqajh il-leminija, fil-waqt li kellu kumplikazzjonijiet f'dik tax-xellug tant li ghamel xahrejn u nofs gewwa wheelchair (Dok A) u ghaxar xhur ma jahdimx (Dok B); illi l-attur ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu u kellu jmur joqghod ghand huh u kien jaghtih Lm3.50 kuljum; ghalhekk dan il-kont ammonta ghal Lm440 (Dok C); illi l-impjegati tat-Telemalta huma assikurati u illi l-Enemalta ghandha assikurazzjoni; illi l-attur sofra wkoll danni permanenti f'saqajh (Dok A )(Dok D); dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara li l-incident fuq deskritt tas-26 ta' Awissu 1991 li gara fi Triq il-Gandlora, Zebbug, meta l-attur kien fuq xoghol tat-Telemalta, miss apparat ta' l-Enemalta b'rizultat li ha xokk u waqa' zewg sulari u rizultat ta' l-incident sofra danni anke personali u dan sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom;

"2. Tillikwida d-danni li sofra l-istess attur rizultat ta' l-incident fuq indikat;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni fuq likwidati.

"Bl-ispejjez kontra l-knovenuti ngunti ghas-subizzjoni."

B’nota ta’ Anthony Ventura debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta lill-Korporazzjoni Enemalta pprezentata fid-9 ta’ Marzu 1993, dan assuma l-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq indikati minflok Godfrey Leone Ganado;

B’nota tad-9 ta’ Marzu, 1993 Anthony Ventura nomine eccepixxa illi t-talbiet ta' l-attur kif diretti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu bl-ebda mod m'hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni, liema incident gara unikament minhabba negligenza ta' l-istess attur; bla pregudizzju ghal eccezzjonijiet ohra;

Fil-15 ta’Marzu 1993, Dott. Richard Galea Debono ghall-Korporazzjoni Telemalta eccepixxa illi l-pretenzjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kien hemm l-ebda negligenza da parti ta' l-eccipjent u bl-ebda mod l-attur ma gie ordnat jaghmel xi haga mill-eccipjent li biha ddahhal f'xi periklu;  eccepixxa ulterjorment illi kien l-attur li kien negligenti u kkawza l-incident li minhabba fih sofra, jew seta' sofra, id-danni pretizi, u ghaldaqstant l-eccipjent mhuwiex responsabbli;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fil-15 ta’ Dicembru, 2005 billi kkonkludiet hekk:
“Ghal dawn l-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u ghalhekk:

1) Tiddikjara li l-incident fuq deskritt tas-26 ta' Awissu 1991 li gara fi Triq il-Gandlora, Zebbug meta l-attur kien fuq xoghol tat-Telemalta, miss apparat ta' l-Enemalta b'rizultat li ha xokk u waqa' zewg sulari u rizultat

ta' l-incident sofra danni anke personali, sehh tort tal-konvenuti nomine;

2) Tillikwida d-danni li sofra l-attur rizultat ta' l-incident fuq indikat fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm24,440); u

3) Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm24,440) solidalment bejniethom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijie u konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

"Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fis-26 ta' Awissu 1991 li fih l-attur, li kien impjegat mal-Korporazzjoni Telemalta, illum Maltacom p.l.c., bhala *linesman*, wegga' waqt li kien fuq xoghol li kien gie nkarigat li jaghmel fi Triq il-Gandlora, Zebbug.

"L-attur spjega fix-xiehda tieghu li kien mar fuq il-post flimkien ma' certu Emanuel Mifsud, poggew sellum ta' l-injam mal-hajt taht il-linji ta' l-elettriku u pprova jirranga l-*joint* tal-*wire* tat-*telephone*. Huwa laqat il-bracket tal-hadid ta' l-elettriku, ha xokk u waqa' ghal isfel minn gholi ta' zewg sulari. Qal li meta johorgu jahdmu ma jkollhomx *preventive clothing* u li dak iz-zmien ma kellhomx ingwanti ghalkemm bl-ingwanti ma tistax taghmel certu xoghol irqieq. Qal ukoll li qatt ma kellhom *courses* jew indikawlhom xi perikli li jistghhu jinqalghu waqt il-lant tax-xoghol. Kien ilu madwar tnax-il sena fil-kariga ta' *linesman*. Tghallem minghand shabu matul iz-zmien. Mill-esperjenza li ghandu, l-ewwel li jaghmel hu li jiccekkja li l-*wires* jew il-*cables* tad-dawl ikunu insulati. Qal li l-*wire* tat-*telephone* kien marbut mal-*bracket* tad-dawl. Sa fejn jaf hu qatt ma kellhom sitwazzjoni fejn jghidu lill-Enemalta biex jitfu d-dawl peress li kienu ser jahdmu huma tat-

Telemalta. L-incident gara meta hu serrah mal-*bracket* jew laqat mieghu.

“Emanuel Mifsud kien ma’ l-attur izomm is-sellum filwaqt li l-attur tela' m'ghola zewg sulari. F'daqqa wahda semghu jghajjat, hares 'il fuq, u rah jaqa' u jdur darbtejn. L-attur gie fuq saqajh u x-xhud irnexxielu jilqaghlu rasu. Is-sellum kien xi metru boghod mill-*bracket* tad-dawl.

“Saviour Galea, il-*foreman* li kien inkariga lill-attur biex jaghmel it-tiswijiet mehtiega dakinhar ta' l-incident, qal li hu ma kienx fuq il-post meta gara l-incident izda li jaf li l-*bracket* kien jixxokkja ghax gralu li gralu l-attur u cempel lill-Enemlata biex isewwu. Qal ukoll li l-*wire* tat-*telephone* kien ghaddej ma' tad-dawl, imqabbad minn *bracket* ghal *bracket*.

“George Bezzina, T.O. 3 mat-Telemalta xehed li huma kellhom slielem ta' l-aluminju u ta' l-injam u li l-attur kien jinsisti li juza slielem ta' l-injam ghal aktar sikurezza u li l-istrap tkun ta' materjal ghal aktar sikurezza.

“John Gafa, works manager mal-Korporazzjoni Enemalta, xehed li fil-gurnata in kwistjoni ma saret ebda talba biex jissospendu l-kurrent elettriku. Iccekkja l-ktieb ta' l-1991 biex jara kienx hemm *faults* fil-linji u rrizultalu li ma kien hemm xejn.

“Il-perit tekniku, wara li sema' x-xhieda u zamm access fuq il-post, ikkonkluda li l-incident gara meta l-attur strah mal-*bracket* ta' l-*aerial lines* tad-dawl u ha xokk minhabba *leakage* ta' kurrent elettriku. Inoltre osserva li l-Korporazzjoni Telemalta fl-ebda hin jew zmien ma kienet tissupplixxi *safety harness* jew *safety clothing* li kienu allura jipprevjenu milli jiehu xokk u jaqa' minn fuq is-sellum. Indika wkoll li qabel ma l-attur mar biex jeffettwa t-tiswijiet mehtiega, ma saret l-ebda talba biex jigi sospiz il-kurrent elettriku peress illi x-xoghol kien zghir.

“Fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom, kemm il-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll l-intervenuti fil-kawza ppruvaw joholqu dubbju dwar il-provi mressqa mill-attur u

l-konkluzjonijiet peritali. Din il-Qorti pero`, wara li ezaminat hija stess il-provi kollha migjuba, hi soddisfatta li l-attur waqa' minn fuq is-sellum mhux minhabba traskuragni tieghu izda minhabba xokk li ha wara li miss (hux "serrah" jew "laqat" hu rrilevanti) il-*bracket* li mieghu kienu marbutin kemm il-*wire* tat-*telephone* kemm ukoll il-*cables* tad-dawl. Il-*brackets* huma separati mil-linji tad-dawl b'*isolators* tac-caqquf u ghalhekk wiehed ma ghandux jistenna li ser jixxokkjaw. Kwantu mbaghad ghat-Telemalta, kull *employer* huwa obbligat jipprovdi *a safe system of work.* Hawn, in-nuqqasijiet tat-Telemalta huma evidenti: la kienet tipprovdi xi forma ta' *safety equipment*, ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xoghlijiet u lanqas kienet tipprovdi *training* adegwat ghal xoghol li talvolta seta' jkun perikoluz (ghalkemm f'dan il-kaz l-attur kien ilu jahdem f'dan ix-xoghol madwar tnax-il sena u ghalhekk kellu esperjenza sostanzjali tant li mill-provi rrizulta li qatt ma kellu incidenti ohra). Konsegwentement iz-zewg entitajiet konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghall-incident li fih korra l-attur u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali.

“L-attur ghandu dritt kemm ghal-*lucrum cessans* kif ukoll ghad-*damnum emergens*.

“Kwantu ghal-*lucrum cessans* irid l-ewwel jigi determinat il-grad ta' dizabilita`. B'certifikat rilaxxjat fl-10 ta' Marzu 1992 (a fol. 8 u 9), il-konsulent ortopediku Mr. John Casaletto ndika li l-grad ta' dizabilita` kien ta' 40%. Meta xehed fil-11 ta' Dicembru 1997 ikkonferma li meta rega' rah fit-3 ta' Awissu 1993 skond certifikat minnu rilaxxjat (a fol. 141), ikkalkula li l-grad ta' dizabilita` kien wasal ghal 20% b'dan li minn hemm 'il quddiem setghet tmur ghall-aghar minhabba li l-artrite tibda taghmel taghha. L-intervenut fil-kawza esebixxa fotokopja ta' certifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku Charles Grixti. Pero` din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida biex tiskarta x-xiehda guramentata tal-konsulent ortopediku Casaletto li kellu l-opportunita` jezamina lill-attur f'aktar minn okkazjoni wahda, sahansitra l-ahhar okkazjoni kienet wara d-data tac-certifikat mediku tal-konsulent Grixti, u wasal biex naqqas il-kalkolu inizjali tieghu bin-nofs.

"Bhala *multiplier*, peress illi l-attur kellu sebgha u tletin sena meta gara l-incident, u l-eta` pensjonabbli s'issa hija ta' 61 sena, huwa gust li dan ikun ta' 24 sena.

"Mill-P3s ta' l-impjieg ta' l-attur esebiti b'nota tas-17 ta' Mejju 2002 jirrizulta li l-qliegh gross ta' l-attur fl-1991 kien ta' Lm3545.60 filwaqt li l-qliegh gross tieghu fl-2001 kien ta' Lm5204.16. Il-fatt li l-attur baqa' fl-impjieg tat-Telemalta, illum Maltacom, huwa irrilevanti. Il-*lucrum cessans* huwa marbut mat-telf ta' qliegh fil-gejjieni - fil-kaz in kwistjoni, per ezempju, it-telf tal possibilita` li jaghmel *overtime* u t-telf ta' promozzjonijiet, kif ukoll it-telf tal-possibilita` li jsib xoghol alternattiv bi qliegh oghla. Ghalhekk bhala medja l-Qorti se tiehu s-somma ta' Lm5,000.

"Konsegwentement it-telf ta' qliegh futur jinhadem hekk:

Lm5,000 x 24 x 20% = Lm24,000.

"Billi l-incident in kwistjoni gara erbatax-il sena u kwazi erba' xhur ilu, mhuwiex sejjer isir tnaqqis ghal *lump sum payment*.

"Dwar *damnum emergens* jirrizulta li l-attur wara l-incident dam sa l-ahhar tas-sena ghand huh John Portelli u kien itieh Lm3.50 kuljum. Is-somma globali li huwa jippretendi hija ta' Lm440 u li fil-fehma tal-Qorti hi gustifikata.

"B'kollox ghalhekk l-attur ghandu jiehu:

*Lucrum cessans* ………. Lm24,000
*Damnum emergens* …… Lm 440

Total …………………… Lm24,440"
--------------

**L-appell tal-Korporazzjoni EneMalta.**

Il-Korporazzjoni EneMalta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fl-4 ta'

Gunju 2006, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza in kwantu gie dikjarat li l-incident tas-26 ta' Awissu 1991, sehh tort tal-Korporazzjoni EneMalta u in kwantu l-Korporazzjoni EneMalta giet ikkundannata thallas lill-attur is-somma ta' LM24,440 [illum Euro 56,929.89] *in solidum* mal-konvenuti l-ohra, u minflok jigi dikjarat li l-Korporazzjoni appellanti m'ghandha l-ebda tort ghall-incident tas-26 ta' Awissu 1991, b'dan ghalhekk li l-Korporazzjoni appellanti ma tigi kkundannata thallas l-ebda ammont lill-attur la f'danni u lanqas fi spejjez. Bl-ispejjez.

L-attur appellat intavola risposta fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza fit-totalita` taghha u tordna li l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma dovuta ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata.

Il-Korporazzjoni TeleMalta, li llum iggib l-isem Go plc, ma intavolat l-ebda appell jew risposta billi, kif jirrizulta mir-risposta ta' l-attur appellat, din accettat ir-responsabbilita` taghha u ntrabtet ma' l-attur li thallsu nofs l-ammonti kollha dovuti kif decizi bis-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li ghalkemm f'dawn il-proceduri z-zewg socjetajiet ossia korporazzjonijiet gew misjuba responsabbli ghall-akkadut u kundannati jhallsu *in solidum* bejniethom id-danni likwidati favur l-attur, kienet biss il-Korporazzjoni EneMalta li intavolat appell mis-sentenza imsemmija, billi l-Korporazzjoni Telemalta, ossia Go plc kif jismiha llum, accettat ir-rzultanzi tas-sentenza tal-Prim Istanza. Isegwi li din il-Qorti hija tenuta li tezamina biss l-aggravji mressqa mill-Korporazzjoni Enemalta biex tiddetermina jekk tali Korporazzjoni konvenuta ghandhiex tinzamm responsabbli, flimkien ma Go plc, ghall-incident mertu ta' din il-kawza u konsegwentement ghandhiex tizborsa sehemha mid-danni likwidati fil-konfront ta' l-attur.

**Ikkunsidrat:**

Bazikament din il-kawza tikkoncerna incident li sehh kwazi sbatax-il sena ilu, u cioe` fis-26 ta' Awissu, 1991, meta l-attur, impjegat bhala "*linesman*" ma' Go plc kien qed jaghmel xi xoghol fuq *wires* tat-*telephone* li kienu mwahhlin ma' *bracket* tad-dawl elettriku f'gholi ta' cirka zewg sulari. L-attur kien qieghed fuq sellum ta' l-injam u waqt li qed jahdem mess, ossia jghid li mess, mal-*bracket* imsemmija, ha xokk u gie imtajjar minn fuq is-sellum u waqa'. Bhala rizultat l-attur sofra dizabilita` permanenti u konsegwentement fittex ghar-rizarciment.

L-ewwel Qorti, wara li hatret espert in materja u wara li ezaminat l-provi kollha prodotti, waslet ghall-konkuzjoni li iz-zewg korporazzjonijiet konvenuti u cioe` Telemalta ossia Go plc, ma' min kien jahdem l-istess attur, u l-Enemalta, kienu ugwalment responsabbli ghall-akkadut billi ta' l-ewwel naqset li tipprovdi *a safe system of work* in kwantu ma pprovditx "*safety equipment",* ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xogholijiet u talli lanqas kienet tipprovdi *training* adegwat ghal xoghol li talvolta seta' ikun perikoluz; filwaqt li l-Enemalta, appellanti odjerna, instabet responsabbli billi l-attur ha xokk meta mess il-*bracket* billi ma kienx mistenni li, f'cirkostanzi normali, din tkun tixxokja. L-istess Qorti ma sabet ebda tort ghall-akkadut fl-imgieba ta' l-attur.

Il-Korporazzjoni Enemalta, kif gja inghad, hasset ruhha aggravata bis-sentenza u ressqet dan l-appell fejn qed isostni bhala aggravji:
a) Illi ma kienx messha instabet responsabbli la darba ma hemmx prova ta' xi nuqqasijiet da parti taghha.

*b)* Illi, *se mai*, il-htija ghandha tigi akkollata lit-Telemalta [Go plc] billi din ma talbitx sospensjoni tal-kurrent elettriku, u ma pprovditx *safety equipment*.

*c)* Illi alternattivament kien responsabbli l-istess attur minhabba traskuragini tieghu.

*d)* Illi l-ewwel Qorti, anke jekk irrizulta xi nuqqas da parti taghha, (u cioe` tal-korporazzjoni appellanti) ma kellhiex

taqsam r-responsabbilita` b'mod ugwali bejn il-korporazzjonijiet konvenuti billi rrizulta li n-nuqqasijiet ta' t-Telemalta kienu aktar.

Ma sar ebda appell mil-likwidazzjoni tad-danni hekk kif komputati mill-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti qed issostni li ma hemm ebda prova ta' xi nuqqas taghha fl-istallazzjoni ta' l-apparat taghha u li l-ewwel Qorti qablet ma din l-affermazzjoni. Dan mhux minnu u l-fatti u s-sentenza jmeruh. Infatti hemm il-prova mhux kontestata ta' l-attur li huwa waqa' bhala konsegwenza ta' *shock* li ha meta gie in kuntatt mal-*bracket* li kienet qed izzom il-*wires* ta' l-elettriku. Il-Korporazzjoni appellanti kellha kull opportunita` li tressaq prova, anke permezz tal-persuni teknici taghha, biex tikkontradici dak li qal l-attur, izda dan ma ghamlitux. Ghalhekk tibqa' shiha d-dikjarazzjoni ta' l-attur. Infatti dan gie accettat mill-perit tekniku kif ukoll mill-ewwel Qorti.

Issa l-korporazzjoni appellanti bhala *service provider* tas-sistema ta' kurrent elettriku ghandha l-obbligu li taccerta ruhha li l-istallazzjoni taghha jkunu tali li ma joholqu ebda perikolu, mhux biss ghall-pubbliku, izda ukoll ghal dawk il-haddiema l-ohra li, ghal xi raguni jew ohra, jkun involuti f'xogholijiet ezegwiti qrib l-*wires* ta' l-elettriku. Infatti bhala prassi tezisti sistema ta' *insulation* bejn il-*cables* u l-*brackets* ma liema jkunu marbutin. Jekk dan ix-xoghol isir sewwa ma ghandux jirrizulta kuntatt bejn l-*cables* u l-*bracket* u b'dan il-mod ma jkunx hemm passagg ta' kurrent elettriku ghall-*bracket*. Il-fatt li l-attur ha *shock* meta gie in kuntatt mal-*bracket* jindika li x-xoghol ma sarx sewwa w konsegwentement kien hemm nuqqas da parti tal-Korporazzjoni appellanti. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni lok il-Korporazzjoni appellanti qed issostni li kienet tahti t-Telemalta billi din naqset li titlob is-sospensjoni tal-

kurrent elettrku. Fl-ahhar aggravju, li jista' jigi kunsidrat mat-tieni wiehed, l-istess Korporazzjoni qed tghid li la darba in-nuqqasijiet tat-Telemalta kienu akbar, mhux gust li r-responsabbilita` tinqasam bin-nofs.

Dwar dan fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li nuqqasijiet ta' terzi qatt ma jistghu jgibu fix-xejn ir-responsabbilita` ta' l-appellanti. Huwa minnu li t-Telemalta ma talbitx is-sospensjoni tal-provvista ta' l-elettriku fejn kien ser jsir ix-xoghol, biss jirrizulta li dan ma sarx billi x-xoghol kien ta' natura zghira u f'kull kaz ma kienx mistenni li l-*bracket* tkun tixxokja, haga li, *ex admissis* mill-istqarrijiet ta' l-istess appellanti, ma kellhiex tkun.

Fit-tieni lok ghalkemm huwa minnu li fil-konfront tat-Telemalta instabu diversi nuqqasijiet, huwa minnu wkoll li l-kawza prossima tal-korriment tal-attur kien s-*shock* li huwa ha meta gie in kuntatt mal-*bracket* tal-korporazzjoni appellanti. Kieku ma garax dan l-attur ma kienx jaqa' minn fuq is-sellun u ma kienx ikorri. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mall-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-apporzjonament tar-responsabbilita`. Dawn l-aggravji ghalhekk mhux gustifikati u fic-cirkostanzi huma anke fiergha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-appellanti qed issostni li, mill-provi jirrizulta li dak li gara sehh tort ta' l-istess attur li tilef il-bilanc u waqa' minghajr l-intervent ta' xi *shock* ikkagunat mill-apparat tal-korporazzjoni appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-allegazzjoni ma hijiex sostnuta bi provi u inoltre li tipprova titfa' dubbju fuq l-kredibilita` tal-verzjoni ta' l-attur minhabba diskrepanzi zghar fix-xiehda tieghu ma huwiex accettabbli. Kif rajna hemm il-prova li l-attur ha *shock*. Din il-prova bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-istess appellanti, ghalkemm din kellha l-possibilita` li taghmel dan jekk riedet, u ghalhekk l-allegazzjoni ta' l-appellanti tibqa' dejjem allegazzjoni u xejn aktar.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-Korporazzjoni Enemalta qed jigi michud u s-sentenza appellata

kkonfermata fit-totalita` taghha – bl-ispejjes ta’ dan l-appell ghall-istess appellanti. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti li thallas lill-appellat Portelli l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------